**KUMITAT TAR-REGJUN CENTRALI**

# MINUTI

## SEDUTA Nru. 38

L-Erbgha, 24 ta' Settembru, 2013

Il-Kumitat tar-Regjun Centrali ltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida, Pjazza Menqa, Msida, fis-2.00pm.

Il-President, is-Sur Peter Bonello ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti il-President, is-Sur Peter Bonello, Sindku San Giljan, is-Sur Joe Camilleri, Kunsillier il-Gzira, is-Sur Stefan Cordina, Sindku H'Attard, is-Sur Anthony Chircop, Sindku Tas-Sliema, is-Sinj. Margareth Baldacchino Cefai, Sindku Msida, is-Sur Maximillian Zammit, Sindku Ta' Xbiex, Nutar Ian Castaldi Paris, Sindku Hal-Lija u s-Sinj. Rita Borg, Vici Sindku B'Kara.

Is-Sur Stephen Sultana, Sindku Sta. Venera u s-Sur Keith Tanti, Sindku Tal-Pieta` infurmaw li kienu xoghol u ghalhekk gew skuzati.

**TALBA**

Il-President qal it-talba.

**MINUTI**

Il-minuti tas-Seduta Nru. 37 li saret nhar l-Erbgha, 7 ta' Awwissu, 2013, kienu approvati unanimament.

**HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

***Vetturi abbandunati***
Is-Sur Anthony Chircop qal li hu kien iltaqa' ma' ufficcjali ta' TM dwar din il-materja bhala Sindku ta' Tas-Sliema izda fl-istess hin kien qed jirraprezenta wkoll lir-Regjun.

Is-Sur Chircop gie nfurmat minn TM li sa disghin (90) gurnata wara l-iskadenza tal-licenzja, karozza tista' tkun ghadha fuq it-triq. Fi zmien gimghatejn minn meta jigu notifikati minn TM, din tista' titnehha bi spejjez tal-Kunsill. Din taghmel xahar *garaged* ghand *Ir-Robbu* fejn dan jaghti certifikat lill-Kunsill li qed tinzamm ghandu. Wara tinkiteb ittra lill-Kummissarju ghall-permess sabiex din tkun tista' tintrema.

Il-President ippropona li ssir laqgha mal-Pulizija u TM flimkien dwar dan is-suggett. Kien hemm qbil dwar dan.

**IS-SERVIZZ TAL-PROSEKUTUR**

Il-Kumitat qabel li tohrog is-sejha ghall-offerti ghas-servizz ta' Prosekutur.

**IL-KUNTRATT MA' DATATRAK**

Il-Kumitat iddiskuta din il-materja li diskussjoni dwarha kienet diga saret xhur qabel. Gie deciz unanimament li l-Kumitat ghandu jiffirma l-kuntratt il-gdid ma' Datatrak sabiex jibda jiggwadanja mit-tnaqqis fir-rati b'mod retroattiv minn Settembru '11.

Il-Vici President ippropona li ghandha tidhol klawsola fil-kuntratt li sitt xhur qabel jiskadi t-*tender*, ir-Regjun ghandu jkun infurmat mill-kumpannija li tali tender wasal biex jiskadi. Kien hemm qbil dwar dan.

**KORRISPONDENZA**

- Il-Kumitat gie nfurmat bil-proposti li dahlu dwar l-Expression of Interest ghal *premises* tar-Regjun. L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa li kien kiteb lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar jekk il-Kumitat setghax jipprocedi ghax-xiri tal-*premises* permezz ta' Expression of Interest. Sa llum kien ghad m'hemmx risposta.

Ghaldaqstant inhatar Bord maghmul mis-Sur Peter Bonello, min-Nutar Ian Castaldi Paris u minn Max Zammit sabiex jifthu u jevalwaw dawn il-proposti.

Is-Sur Joe Camilleri iddikjara li wiehed mill-offerenti kien huh.

**MISTOQSIJIET**

Ma kienx hemm mistoqsijiet xi jsiru.

**KOMUNIKAZZJONI TAL-PRESIDENT**

*Tender ta' l-Authorised Officer*
Il-President informa li flimkien ma' l-Agent Segretarju Ezekuttiv kellu laqgha mas-Sur Michael Cohen dwar it-tender ta' l-Authorised Officer. Gie spjegat li r-Regjuni ghandhom johorgu sejha gdida ghall-offerti ghal dan is-servizz, liema kuntratt ghandu jkun ghal perjodu ta' sena li jista' jiggedded sa sitt xhur ohra. Gie spjegat ukoll li min kien fil-Bord ta' l-Ghazla fis-sejha ta' qabel, ma jistghax jerga' jkun f'dan il-Bord.

Ghalhekk kien hemm qbil li l-Bord ikun maghmul mis-Sur Anthony Chircop, mis-Sinj. Margareth Baldacchino Cefai, mis-Sur Max Zammit, min-Nutar Ian Castaldi Paris u mis-Sur Stefan Cordina.

Is-Sur Joe Camilleri staqsa kif tista' tohrog sejha gdida meta l-kaz dwar is-sejha ghall-offerti precedenti ghadu quddiem il-Qorti. Il-President wiegeb li dan il-punt hareg waqt il-laqgha, izda s-Sur Cohen ikkonferma li il-parir ta' l-Avukat Generali huwa li r-Regjuni ghandhom jipprocedu b'sejha ghall-offerti gdida.

**APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS***

Il-President, ssekondat min Nutar Ian Castaldi Paris ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 38. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con*.

Il-Kumitat approva wkoll it-tigdid tas-servizz ta' l-Authorised Officer ghal perjodu ta' xahar iehor.

Il-Kumitat qabel ukoll li dwar is-servizz ta' l-internet fit-Tribunal u fl-ufficcju provdut minn Melita plc, jara r-rati ta' service providers ohra.

***Servizz ta' ECO Warden***
Il-Kumitat qabel unanimament li ghal perjodu ta' tliet xhur tizdied bi prova rotta ohra ghas-servizz ta' ECO warden.

Dwar il-wardens, kien hemm qbil biex ir-Regjun jinghata informazzjoni dwar x'azzjoni ttiehdet mill-kumpannija Guard and Warden dwar il-gwardjan li ritratt tieghu deher f'artiklu f'gazzetta ricenti.

**TMIEM**

Fl-4.00pm intemmet is-Seduta.  Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tkun nhar il-Gimgha, 11 ta' Ottubru, 2013 fis-2.30pm

Simon Cauchi
A.Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Peter Bonello
President